# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'
# CHAIRPERSON MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D.

**Rikors Nru. 7/2024SG**

**Jacqueline Strickland K.I. 990344(M)**
**Larissa sive Lara Bugeja K.I. 97269(M)**
**Gerald Strickland K.I. 298171(M)**
**Ella Strickland K.I. 482472(M)**
**Roger Strickland K.I. 409446(M)**
**Jarrard Strickland K.I. 922144(M)**

**vs**

**Margaret Attard K.I. 433555(M)**

**Illum, 12 ta' Marzu, 2025**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur ippreżentat fil-15 ta' Frar, 2024, fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi r-rikorrenti huma flimkien is-sidien ta' porzjoni diviza mill-ghalqa maghrufa "Ta' Bagozz" sive "Ta' Gadozza", fil-kontrada ta' San Gakbu, fil- limiti ta' Haz-Zebbug, Malta tal-kejl ta' cirka 5,628 metri kwadri.*

*2. Illi din l-ghalqa giet dikjarata proprjeta' tar-rikorrenti permezz ta' kuntratt dikjaratorju ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 4 ta' April 2007 (kopja tal-kuntratt annessa Dok A1 bil-pjanti).*

*3. Illi Charles Adrian Strickland gie nieqes fit-8 ta' Awissu 2023 u halla bhala eredi lit-tfal tieghu Lara Bugeja, Gerald Strickland u Ella Strickland, soggett ghall-uzufrutt ta' martu Jacqueline Strickland.*

*4. Illi fis-sena 1957 u/jew sena verjuri parti mill-ghalqa surreferita tal-kejl ta' cirka 3,628 metri kwadri kienet giet mikrija b'titolu ta' qbiela a favur il-predecessur fit-titolu tal-intimata, certu Manuel Cortis.*

*5. Illi dan il-porzjon soggett ghall-qbiela favur l-intimata Attard qieghed jigi mberfel bl-isfar fuq il-pjanta annessa Dok A2.*

*6. Illi wara l-mewt tal-imsemmi Manuel Cortis din il-qbiela intirtet mill-genituri tal-intimata, Carmelo Vassallo u Maria nee Cortis. Sussegwentement din il-qbiela ghaddiet fuq l-intimata Attard skont il-ligi li prezentement thallas EUR28 u/jew somma verjuri fis-sena.*

*7. Illi jirrizulta li l-intimata Attard kisret il-kundizzionijiet tal-lokazzjoni ossija qbiela u dan stante illi l-ghalqa mqabbla lilha mhiex qieghda tinhadem ghat-tkabbir ta' prodotti agrikoli.*

*8. Illi huwa ghalhekk car li l-intimata mhiex qieghda tahdem ir-raba' ghat-tkabbir ta' prodotti agrikoli u lanqas m'ghandha bzonn din l-istess raba' ghall-ghejxien taghha u/jew ghal xi skop agrikolu.*

*9. Illi oltre' hekk, l-intimata naqqset milli tmantni u zzomm il-hajt tas-sejjieh fi stat tajjeb u dan kif jidher car mir-ritratt hawn anness Dok A3.*

*10. Illi ghalhekk jissustixxu c-cirkostanzi ghal nuqqas ta' tigdid ta' kirja elenkati taht l-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament taht l-artikolu 4(2)(d) u/jew 4(2)(f).*

*11. Illi fin-nuqqas li dan Bord jilqa' t-talba sabiex il-kirja ma tibqax tiggedded, l-atturi jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap 199 jawmenta l-kera ossija qbiela annwali li ai fini tal-Artikolu 3(2A)(a) u ai fini ta' dawn il-proceduri biss u tal-ligi kif inhi impostata, ghandha tkun fl-ammont ta' EUR 5,000 fis-sena, u dan minghajr pregudizziu ghad-drittijiet taghhom inkluzi dawn ta' natura kostituzzjonali.*

*12. Illi in vista tas-suespost qieghda ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:*

*1. Jiddikjara li l-intimata Margaret Attard naqset milli thares il-kundizzionijiet tal-kirja u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz tal-Artikolu 4(2)(d) u/jew (f) inkluz billi jahtar il-Membri Teknici jekk ikun il-kaz;*

*2. Jikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord, tivvaka mill-ghalqa mqabbla lilha maghrufa bhala "Ta' Bagozz'' sive "Ta' Gadozza", fil-kontrada ta' San Gakbu, fil-limiti ta' Haz-Zebbug, Malta tal-kejl ta' cirka 3,628 metri kwadri.*

*3. Sussidjarjament u minghajr pregudizziu ghall-premess, f'kaz li t-talbiet precedenti ma jigux milqugha, joghgbu jawmenta l-qbiela annwali pagabbli lill-atturi ghas-somma ta' EUR 5,000 fis-sena u/jew somma ohra ai termini tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap 199 b'effett mid-data li jistabilixxi l-Bord, u dan taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord ihoss li huma xierqa u opportuni inkluz billi jahtar il-Membri Teknici jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzioni. B'rizerva u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti, inkluz dawk ta' natura kostituzzjonali u fundamentali (inkluz f kaz li l-valur tar-raba' u l-ambjenti ma jigix stmat skont is-suq liberu) kif ukoll b'rizerva ghad-drittijiet kollha taghhom fil-konfront tal-intimata. Illi r-rikorrenti qeghdin jaghmuha cara li f'kaz li l-intimata tkompli tikri l-ghalqa in kwistjoni, hi ghandha taghti passagg u access liberu minn fuq l-art mertu ta' dan il-kawza lir-rikorrenti ghall-porzjon l-iehor t'art taghhom (stante li dan huwa l-unika access possibbli sabiex ir-rikorrenti jaccedu dan il-porzion proprjeta' taghhom) u r-rikorrenti jirrizervaw id-drittijiet taghhom f dan ir-rigward."*

Ra r-risposta tal-intimata Attard tat-22 ta' April, 2024, fejn ġie eċċepit:

*"1. Illi in linea preliminari, it-talbiet tar-rikors promotur huma irritwi u nulli stante illi ma jikkontjenux ir-rekwiżit kif stipulat fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa wieħed kumulattiv u mhux alternattiv;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess iżda wkoll in linea preliminari, t-talbiet kif dedotti mill-atturi huma wkoll irritwi u nulli stante illi minn banda jippużaw*

*azzjoni għan-nuqqas ta' tiġdid tal-kirja taħt l-artikolu numru 4 tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mill-banda l-oħra, jippużaw azzjoni għat-tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 199 u dan in trasgressjoni tad-dettami li electa una via non datum recursus ad alteram. Għalhekk dawn iż- żewġ azzjonijiet huma nkompatibbli ma' u kontradittorji għal xulxin;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet kif kontenuti fir-rikors tal-atturi huma fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana stante li l-eċċipjenti tiċħad li kisret xi termini tal-kirja u għalhekk m'huwiex minnu li hija ma ħarsitx il-provvedimenti tal-artikoli 4(2)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Illi ma hemmx lok skont l-artikolu 3 tal-Kap. 199 sabiex jigi awtorizzat il-bdil propost mill-atturi fil-kundizzjonijiet tal-kirja in mertu u dana senjatament izda mhux limitatament ghaliex fl-ewwel lok ma jirrizulta l-ebda bdil fil-kundizzjoni tal-kirja li jista' jaghti lok ghat-tibdil propost fil-kundizzionijiet tal-kirja u wisq inqas hija sostenibbli z-zieda l-gdida kif proposta mill-atturi specjalment li jehtieg li jigi provat minnhom li l-valur huwa wiehed li ma jeccedix il-percentwal massimu stipulat fil-ligi fis-sena tal-valur tal-art libera u franka;*

*5. Illi għall-bqija, it-talbiet tal-atturi huma fil-meritu nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.*

*Għalhekk, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimata Margaret Attard;

Sema' x-xhieda;

Sema' trattazzjoni dwar dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra:**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, qed tiġi eċċepita n-nullità ta' din l-azzjoni, peress li r-rekwiżiti kif stipulati fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, ma humiex kontenuti fir-rikors promotur, filwaqt li fit-tieni eċċezzjoni, ġiet eċċepita n-nullità tar-rikors, peress li r-rikors jikkontjeni azzjoni għal ripresa skont l-Artikolu 4 tal-Kap 199, u kif ukoll azzjoni għal tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja skont l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-intimata fl-ebda ħin ma ressqet provi jew ikkjarifikat l-eċċezzjoni tagħha. In fatti, lanqas fit-trattazzjoni orali ma saret referenza għal tali eċċezzjoni, da parti tal-legali tal-intimata. Dan il-Bord iqis li din l-eċċezzjoni hija msejsa, fuq dak li jistipola l-Artikolu 4(1)(b) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li fir-rikors għal talba ta' ripresa ta' raba' mis-sid, ir-rikors għandu jikkontjeni talba għal-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jkollu jitħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Dan il-Bord iżda jqis, li tali talba għal likwidazzjoni ta' kumpens hija rekwiżita, meta t-talba għal ripresa ssir abbażi tal-Artikolu 4(2)(a) u 4(2)(b) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-kawża mhijiex imsejsa fuq l-ebda wieħed minn dawn ir-raġunijiet għar-ripresa u għalhekk dan il-Bord ma jqisx li din l-ewwel eċċezzjoni hija waħda fondata.

Dwar it-tieni eċċezzjoni, dan il-Bord iqis li minn qari tar-rikors promotur, jirriżulta b'mod ċar, illi din l-azzjoni ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 4(2)(d) u (f) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ li dan il-Bord ma huwiex sodisfatt li l-intimata vjolat il-kundizzjonijiet, b'dana li f'każ li dan il-Bord jiċħad it-talba għal żgumbrament, jawmenta l-qbiela. Jidher għalhekk li t-talba għall-awment fil-qbiela, hija talba sussidjarja u alternattiva, fl-eventwalità li l-ewwel u t-tieni talbiet jiġu miċħuda.

Fit-trattazzjoni orali, ir-rikorrenti għamlu referenza għall-kawża fl-ismijiet, **Kathleen Livori vs Joseph Scerri,** deċiża fid-9 ta' Diċembru, 2022, fejn ġie spjegat illi:

*Il-Qrati tagħna jikkonsidraw l-eċċezzjoni tan-nullità bħala sanzjoni estrema. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet Alfred u Mary konjuġ Vella vs Agostino Camilleri deċiża fil-21 ta' Frar 1997, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet hekk:-*

*In-nullità ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

*Din il-materja hija regolata bl-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola dawk il-gravami li fuqhom tista' tingħata din l-eċċezzjoni. Dwar dawn il-gravami, fissentenza ITC Limited et vs LBM Breweries Limited (Rik Nru 976/05 JRM) deċiża millPrim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru 2005 intqal hekk:-*

*Illi jkun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tannullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fissubartikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn lerba' (4) każijiet imsemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom.*

*L-Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu hija bbażata l-eċċezjoni preliminari tal-Awtorita jipprovdi hekk:-*

***789.(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –***
***...***
***(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;***

*Illi minn dan l-artikolu joħroġ ċar li l-att mhux biss għandu jikkontjeni xi vjolazzjoni talforma meħtieġa, iżda dik il-vjolazzjoni trid tkun ġabet preġudizzju lill-parti li tissollevaha, li ma jkunx jista' jissewwa jekk mhux billi l-att jiġi dikkjarat null. Illi f'dan ir-rigward, il-Bord jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Guido J. Vella A&CE vs Dr. Emanuel Cefai LL.D****. deċiża fl-4 ta' Novembru 1991 senjatament fejn ingħad:-*

*F'dawn il-każijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, għallprattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi: in-nullità ta' l-att ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*

*Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tal-25 ta` Frar 2016, fl-ismijiet Theresa armla ta` Joseph Chetcuti et vs Maria Carmela, sive Lina Warrington et (672/15 LSO) qalet:-*

*Illi kif ġie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerċ fil-każ (Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine" deciz fl-14 ta` Dicembru 1989: "Illi biex ċitazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta` Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, in-nullita` trid tkun iddikjarata mil-liġi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi meħtiega mil-liġi, nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali meħtiega mil-liġi espressament."*

*Hekk f'dan l-istess każ, ingħad li "jekk ikun hemm talbiet irrikonċiljabbli, per eżempju talba għal azzjoni ta` spoll abbinata fl-istess każ ma' azzjoni rei vindicatoria, fejn hu ben saput li fl-azzjoni ta` spoll huma inamissibli provi filpetitorju, hemm sitwazzjoni ta` talbiet irrikonċiljabbli."*

*Il-kwistjoni sollevata mill-atturi fil-każ in ezami tikkonċerna t-talbiet kunfliġġjenti u rrikonċiljabbli fit-talba rikonvenzjonali... Illi fit-tema ta` talbiet diversi ġie ritenut li mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta` April 1998 fl-ismijiet "Frendo Randon noe vs Salomone:*

*"… meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta` l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista` jammetti t-talba għax ma jkunx jista` jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma` oħra. Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan hux hekk għaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra.*

*Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma` oħra ... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi lproċedura tal-attur kienet waħda irrita u null."*

Dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li qed jintalab permezz tat-tielet talba, fejn ir-rikorrenti jgħidu li "***Sussidjarjament*** *u mingħajr preġudizzju għall-premess,* ***f'każ li t-talbiet preċedenti ma jiġux milqugħa****, jogħġbu jawmenta l-qbiela ...*" (sottolinear tal-Bord). Dan il-Bord iqis li hekk kif ifformulata it-tielet talba, ma jirriżulta ebda kontradizzjoni fit-talbiet tar-rikorrenti, u għalhekk anke it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

**Decide**

**Għaldaqstant u għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan il-Bord qiegħed jiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata u jordna l-prosegwiment tal-kawża.**

**Spejjeż ta' din is-sentenza għandhom jigu ssopportati mill-intimata.**

__________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**
**Chairperson**

__________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**